

2. It-tieni motiv ibbażat fuq li d-Deċiżjoni C(2017) 2914 finali hija vvizzjata bi żbalji manifesti ta' liġi u ta' evalwazzjoni taħt l-Artikolu 60(4) tar-Regolament REACH rigward l-evalwazzjoni soċjo-ekonomika.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq li d-Deċiżjoni C(2017) 2914 finali hija vvizzjata bi żbalji manifesti ta' evalwazzjoni taħt l-Artikoli 60(4) u 60(5) tar-Regolament REACH rigward l-analiżi ta' alternattivi.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq li d-Deċiżjoni C(2017) 2914 finali hija vvizzjata bi żbalji manifesti ta' liġi u ta' evalwazzjoni rigward l-applikazzjoni ta' prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, inkluż l-obbligu li jingħataw motivi u l-prinċipju ta' prekawżjoni, fil-kuntest tal-proċess ta' awtorizzazzjoni taħt ir-Regolament REACH.

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Lulju 2017 – Oy Karl Fazer v EUIPO – Kraft Foods Belgium Intellectual Property (MIGNON)

(Kawża T-437/17)

(2017/C 300/42)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Oy Karl Fazer Ab (Vantaa, il-Finlandja) (rappreżentant: L. Laaksonen, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Kraft Foods Belgium Intellectual Property (Halle, il-Belġju)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrent

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: trade mark verbali tal-Unjoni "MIGNON" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 10 995 892

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-24 ta' April 2017-Każ R 1859/2016-2

Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— it-trade mark għandha tiġi rreġistrata għall-prodotti li għalihom saret l-applikazzjoni.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.
